MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 35/2009/1

**Paul u George Mifsud, Mary Felice, Carmela Buttigieg, Paul Gauci, Vincenza Mifsud, Anthony Gauci u Saviour Gauci**

**vs**

**Jimmy *sive* James Grech u martu Josephine Grech**

**Il-Qorti,**

Fit-28 ta’ Gunju, 2010, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz tal-atturi li talbu li jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ mija u tletin lira Maltin (Lm130), ekwivalenti ghal tlett mija u zewg ewro u tnejn u tmenin centezmi (€302.82), li huwa kumpens dovut mal-intimati ghad-detenzjoni

minnhom tal-fond tar-rikorrenti fi 52, Triq Marsaxlokk, fiz-Zejtun tul l-ahhar hames (5) snin qabel ma l-Qorti ddikjarat ir-ripreza tal-fond taghhom minghand l-intimati, ekwivalenti ghal kera ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26), u cioe' ekwivalenti ghal sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) fis-sena.

Illi r-rikorrenti ottjenew sentenza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 1999 li kkonfermat dik tal-Bord li Jirregola l-Kera tas-19 ta' Gunju, 1996 li ddecidiet li r-rikorrenti kellhom jiehdu lura l-fond taghhom minghand l-intimat James Grech.

Illi l-intimati ghamlu azzjoni biex il-Qorti tiddikjara li l-intimata Josephine Grech ma kienitx marbuta b'dik is-sentenza u kienet ghadha kerrejja tal-fond f'numru 52 u 53, Triq Marsaxlokk, Zejtun.

Illi f'dik l-azzjoni, Rikors Numru 5/99 JAB, fil-Bord tal-Kera u fl-Appell deciz fis-17 ta' Ottubru, 2007, gie deciz li l-intimati kellhom jivvakaw il-fond tar-rikorrenti u jikkonsenjawlhom ic-cwievet. Dan eventwalment sehh f'Ottubru tal-2007.

Illi l-intimati gew interpellati bonarjament u ufficjalment biex ihallsu l-kumpens ghall-ahhar hames (5) snin ekwivalenti daqs il-kera li kienu jhallsu u dejjem baqghu inadempjenti.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi t-talba tal-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ebda ammont m'huwa dovut mill-eccipjenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kera ghaz-zmien kollu li kien ilhom jokkupaw il-fond, l-intimati kienet qed tigi depositata fil-Qorti, permezz ta' cedola ta' depozitu, meta l-istess rikorrenti kienu qedghin jirrifjutaw tali kera u ghalhekk jistghu liberament jizbankaw tali somom hekk depositati.

Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, parti mis-somma reklamata fi kwalunkwe kaz hija preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156 (c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Ra x-xhieda ta’ l-attur li spjega li l-konvenuti kienu jikru minghandhom il-fond numru 52, fi Triq Marsaxlokk fiz-Zejtun, u dan bil-kera ta’ sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26) fis-sena, ekwivalenti ghal sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) fis-sena.

Jikkonferma li l-kawza kienet qed isir sabiex jithallsu kumpens ghall-ahhar hames (5) snin qabel ma l-Qorti ddecidiet illi l-konvenuti ghandhom johorgu mill-fond imsemmi.

Ighid li kienu fethu kawza quddiem il-Bord tal-Kera, fejn gie deciz li l-konvenuti kellhom johorgu mill-post, izda dawn ta’ l-ahhar kienu appellaw u mbaghad bdew proceduri ta’ ritrattazzjoni.

Ix-xhud jikkonferma li kienu rebhu l-kawzi kollha, izda kellhom johorgu mandat ta’ zgumbrament, u ugwalment kienu fethu kawza ohra fejn il-konvenuti sostnew li s-sentenza ma kienitx torbot lil Josephine Grech.

Minkejja li l-Qorti tal-Magistrati kienet cahdet it-talbiet taghhom, kawza nru 5/99 JAB, il-konvenuti kienu regghu appellaw minn din is-sentenza, li ghal darb’ohra kienet ordnat li kellhom johorgu mill-fond li kienu hadu bil-kera mill-antenati tal-atturi. Din is-sentenza finali kienet giet deciza fis-17 ta’ Ottubru, 2007.

Peress illi l-kawzi hadu tul taz-zmien, minn meta l-atturi kienu bdew l-ewwel proceduri quddiem il-Bord tal-Kera, ma kienux baqghu jaccettaw il-kera u ghalhekk il-konvenuti bdew jiddepositaw il-flus il-Qorti.

Ghalhekk, li qed jintalab minn dan it-Tribunal, ighid ix-xhud, huwa li jithallsu l-kumpens talli l-konvenuti zammew f'idejhom il-fond fl-ahhar hames (5) snin, meta ma kellhomx titolu ta' kera fuq il-fond. Bhala kumpens kienu qed jitolbu l-istess kera f'dak iz-zmien tal-fond, fuq perjodu ta' hames (5) snin, bir-rata ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26), ekwivalenti ghal sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) fis-sena, li jwasslu ghal total ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130), u cioe' ekwivalenti ghal tlett mija u zewg ewro u tnejn u tmenin centezmu (€302.82).

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi, preliminarjament, il-konvenuti eccepew ill l-azzjoni hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2156(C) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jikkontempla li l-azzjonijiet ghal hlas ta' kera huwa preskritta wara hames (5) snin.

F'dan il-kaz, il-partijiet qablu li l-kumpens li kien qed jigi pretiz mill-atturi kien ghal perjodu ta' hames (5) snin. Fl-Avviz qed jintalab l-ammont ta' tlett mija u zewg ewro u tnejn u tmenin centezmi (€302.82), u cioe' ekwivalenti ghal mija u tletin lira Maltin (Lm130), ghal perjodu bejn is-sena 2003 u 2007.

Il-partijiet qablu ukoll illi qabel dan il-perjodu kienu zbankaw dawn ic-cedoli.

Madanakollu, kien hemm ittra ufficjali li giet ipprezentata fit-13 ta' Novembru, 2008 u mbaghad

infethet l-kawza fit-28 ta' Jannar, 2009 u l-atturi jikkonfermaw li kienu qed jitolbu l-kumpens ghall-ahhar hames (5) snin, li jfisser mis-sena 2003 sas-sena 2007.

Ghalhekk huwa evidenti li l-kontendenti qed jaqblu illi l-kumpens li qed jitolbu huwa ekwivalenti ghal kera li kienu jhallsu l-konvenuti, pero' minkejja li l-konvenuti jinsistu li hallsu l-kera b'cedoli ddepozitati l-Qorti, l-azzjoni attrici mhix wahda ghal hlas ta' kera, izda ta' kumpens u ghalhekk dan it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jikkunsidra din id-disposizzjoni tal-ligi ghal finijiet ta' preskrizzjoni billi m'hix applikabbli. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghalhekk hija respinta.

Dwar l-eccezzjonijiet l-ohra, l-konvnuti jinsistu li l-ammont ma kienx dovut u apparti minn hekk kienu ddepositaw il-kera permezz ta' cedoli fil-Qorti u dan minhabba li l-atturi kienu rrifkjutaw il-kera.

Il-konvenuti jinsistu li skont l-Artikolu 1173 (2) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu l-jedd ihallas, jista' bi spejjes tal-kreditur, jiddeposita s-somma jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghat fil-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Fis-sentenza '**John M. Nicholas vs Gaetano Pace et', (P.A. deciza 8 ta' Novembru, 1993)** gie stabbilit ukoll illi "***id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa daqs il-hlas u l-haga depositata tibqa' ghar-riskju tal-kreditur.***

F'din is-sentenza, l-Onorabli Qorti enuncjat ukoll illi ***"dan id-depozitu ghandu jsir wara illi tigi rrifjutata offerta wahda."***

Mill-provi rrizulta li kien hemm diversi kawzi bejn il-partijiet, fejn l-atturi kienu primarjament talbu li l-konvenuti jigu zgumbrati mill-fond li kienu jikru

minghand l-atturi. Fil-fatt kien hemm sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fis-6 ta’ Ottubru, 1999 li kkonfermat dik tal-Bord li Jirregola l-Kera tad-19 ta’ Gunju, 1996 li ddecidiet li rrikorrenti kellhom jiehdu lura l-fond taghhom minghand l-intimat James Grech.

Dan gie segwit b’azzjoni istitwita mill-konvenuti fejn talbu lil Onorabbli Qorti tiddikjara li l-intimata Josephine Grech ma kienitx marbuta b’dik is-sentenza tas-6 ta’ Ottubru, 1999 u kienet ghada kerrejja tal-fond f’numru 52 u 53, Triq Marsaxlokk, Zejtun.

Illi f’din l-azzjoni, Rikors Numru 5/99 JAB, fil-Bord tal-Kera u fl-Appell konkluz fis-17 ta’ Ottubru, 2007, gie deciz li l-intimati kellhom jivvakaw il-fond tar-rikorrenti u jikonsenjawlhom ic-cwievet. Dan eventwalment sehh f’Ottubru, tal-2007.

Illi l-atturi kkonfermaw illi malli kienet inghatat is-sentenza lura ghas-sena 1999, kienu bdew jirrifjutaw il-kera minghand il-konvenuti u kien ghalhekk li dawn bdew jiddepositawhom il-Qorti.

L-atturi ammettew illi kienu zbankaw xi cedoli, pero’ ma kienux ghamlu dan ghal perjodu bejn 2003 u 2007.

Huwa minnu li l-konvenuti qed jikkontendu li la darba tigi rifjutata offerta, ghalhekk ghandu jkun hemm depozitu tal-kera. Izda, madanakollu, ghandu jigi rilevat ukoll illi lkonvenuti kienu ilhom li gew ordnati jizgumbraw il-fond, mertu tal-kawza odjerna u huma baqghu hemm u sahansitra fethu proceduri ohra u fil-mori ma zgumbrawx il-post, izda minflok baqghu jiddepositaw il-kera.

L-atturi ma setghu qatt jirrifjutaw din il-kera ingustament, meta kien hemm sentenza, kkonfermata fl-Appell, fejn il-konvenuti gew ordnati jizgumbraw il-post li kien mikri ghandhom

minghand l-atturi, u jekk kien hemm dan irrifjut, kien wiehed gust u validu u skont il-ligi. Ic-cedoli *per se* fic-cirkostanzi ma jistghux jigu kkunsidrati *qua* pagament tal-kera.

It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza ta' dan it-Tribunal, kif diversament ippresedut, fl-ismijiet '**Mario Blackman vs Mary Cuschieri et', (dec. 5 ta' Mejju, 2006),** fejn il-*fattispecie* tal-kaz kienu simili u fejn gie enunciat hekk :-
***"…l-attur qua kreditur ghandu kull dritt li jitlob il-hlas tal-kreditu tieghu fl-intier u mhux bin-nieqes jew permezz ta' xi pagamenti rateali u ghalhekk il-konvenut ma jistax jippretendi li l-attur ghandu jaccetta l-kera depositata l-Qorti stante li l-konvenut stess ghazlu l-ispejjes relattivi ghal kull cedola ghandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' kera dovuta."***

L-ammont mitlub mill-atturi ghalhekk jirrizulta dovut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130), ekwivalenti ghal tlett mija u zewg ewro u tnejn u tmenin centezmi (€302.82), li huwa kumpens dovut mill-konvenuti ghad-detenzjoni minnhom tal-fond tal-atturi, 52, Triq Marsaxlokk, fiz-Zejtun tul is-snin 2003 sa 2007 qabel mal-Qorti ddikjarat ir-ripreza tal-fond taghhom minghand l-intimati ekwivalenti ghal kera ta' sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm26), u cioe' ekwivalenti ghal sittin ewro u sitta u hamsin centezmu (€60.56) fis-sena. Bl-ispejjes kontra l-konvenuti."

Bl-appell taghhom minn din is-sentenza l-konvenuti jobbjettaw kif gej:-

1. It-Tribunal ghamel applikazzjoni hazina tal-ligi ghaliex okkupa ruhu mill-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rtirata minnhom. Dan il-fatt gab ksur tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*. F'kull kaz huma qeghdin jissollevaw f'dan l-istadju l-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni hekk fl-ewwel istanza rtirata;

2. Ukoll, it-Tribunal ghamel applikazzjoni erroneja tal-ligi billi injora l-effetti tad-depozitu tal-kera a norma ta' l-Artkolu 1173 (2) tal-Kodici Civili. Skond l-appellanti d-depoziti varji tal-kera kellhom jissarrfu f'pagament validu ghaliex il-kera kien gie ingustament rifjutat mis-sidien;

Huwa xieraq li wiehed jippuntwalizza l-antecedenti li taw lok ghall-kawza odjerna:-

1. B'rikors Numru 47/93 il-lokaturi tal-fond *de quo* talbu l-izgumbrament tal-kerrej James Grech in bazi ghall-kawzali tan-"non-uso". Din il-kawza giet finalment deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 1997;
2. Saret kawza ta' ritrattazzjoni b'ezitu negattiv ghar-ritrattandi James Grech skond decizjoni tas-6 ta' Ottubru, 1999;
3. In segwitu ghal din id-decizjoni nhareg Mandat ta' Zgumbrament Nru. 26/99;
4. Josephine Grech mart l-imsemmi Jimmy Grech impunjat dan il-mandat b'rikors Numru 5/99 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. It-talba relattiva taghha b'dak l-iskop giet michuda mill-istess Bord kif ukoll minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Ottubru, 2007 fuq appell lilha mill-istess Josephine Grech;

B'segwitu ta' din l-ahhar imsemmija decizjoni l-atturi inizzjaw l-istanza prezenti biex jitolbu l-hlas tal-kumpens dovut ghall-ahhar hames snin ta' l-okkupazzjoni tal-fond. *Inter alia*, f'din il-kawza l-konvenuti eccepew il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156 (c) tal-Kapitolu 16. Din l-eccezzjoni giet eventwalment irtirata mir-

rapprezentanti legali taghhom skond kif dettat fil-verbal ta' l-udjenza tal-21 ta' April, 2009 (fol. 8);

Maghmula l-premessi esposizzjonijiet m'hemmx dubju illi t-Tribunal zbalja meta ddecieda l-preskrizzjoni opposta ghax din kienet giet irtirata. B'danakollu, l-appellanti m'ghandhomx ghax jilmentaw mil-lezjoni tar-regola tal-gustizzja naturali ta' smigh xieraq ghaliex mhux koncepibbli ksur tal-principju gjaladarba huma stess irrinunzjaw ghall-preskrizzjoni. Li jista' jinghad hu li d-decizjoni dwarha kienet inutili, delegittimata u minghajr ebda effett guridiku. Xejn izjed u xejn anqas minn hekk;

Dejjem in mertu ghall-istess eccezzjoni tal-preskrizzjoni jrid jinghad in linea ta' principju illi l-element kostitutiv taghha jinvolvi l-manifestazzjoni inekwivoka tal-volonta ta' min iressaqha illi jgib 'il quddiem l-estinzjoni ta' l-azzjoni ghall-fatt tad-dekors taz-zmien. Ugwalment, pero`, jaqa' fil-volonta tal-parti azzjonata illi hi stess tabdika mill-effetti tal-preskrizzjoni kontra l-azzjoni intentata. Dan tista' taghmlu sew tacitament, kif ukoll espressament (ara Artikoli 2108 (2) u 2109 tal-Kodici Civili) basta li tali rinunzja tirrizulta minn espressjonijiet cari u univoci. Ara "**Michele Tabone *et* -vs- Emmanuel Sammut *nomine***", Appell Civili, 10 ta' Ottubru, 1950. Dan hu dak li gara f'dan il-kaz meta l-appellanti rrinunzjaw ghall-preskrizzjoni minnhom opposta bil-verbal tal-21 ta' April 2009;

Issa l-appellanti jippretendu li jistghu f'dan l-istadju ta' l-appell jirxoxtaw dik il-preskrizzjoni minnhom rinunzjata. Dan ma jidherx li hu hekk possibbli, almenu skond certa gurisprudenza. Jinsab difatti ritenut illi "meta konvenut jew ma jeccepix il-preskrizzjoni jew jirrinunzja bla ebda rizerva ghall-eccezzjoni li jkun qabel issolleva, dan ifisser illi hu ma jridx jipprevalixxi ruhu mill-beneficcju li l-ligi tammetti ghall-preskrizzjoni". Ara "**Maria Debono *et* -vs- Filippo Debono *et***", Appell Civili, 15 ta' Jannar, 1965. La fil-kaz hawn ezaminat ma nzammet ebda rizerva bhal dik, l-appellanti ma jistghux jissollevaw l-eccezzjoni relattiva

aktar tard, kif hekk ghal kuntrarju kien hekk possibbli fil-kaz fl-ismijiet “**Frank Borg -vs- John Nicola Cassar**” deciz mill-Qorti ta’ l-Appell Kummercjali fid-19 ta’ Frar, 1960. Ukoll ghal din ir-raguni l-ewwel aggravju qed jitqies insostenibbli;

Riferibilment ghat-tieni aggravju hemm qbil illi skond il-principji generali tad-dritt jekk il-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur jista’ a spejjez tal-kreditur jiddepozita s-somma dovuta bil-mod skond il-ligi stabbilit, u f’kaz bhal dan id-depozitu jiswa daqs il-hlas. Ara Artikolu 1173 (1) u (2) tal-Kapitolu 16. Il-kwestjoni f’dan il-kaz mhix il-mod ta’ l-offerta izda jekk dik l-offerta, meta u jekk saret, kienetx wahda valida;

Inghad minn din il-Qorti kif presjeduta, b’referenza ghall-Artikolu 1173 predett, illi depozitu gudizzjarji validament maghmul jiswa daqs pagament. Issokta jigi rilevat ukoll illi fit-terminu ta’ l-Artikolu 1174 Kodici Civili tali depozitu m’ghandux l-effetti hawn fuq imsemmi jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. B’ripetizzjoni mbaghad ta’ l-enuncjazzjoni fis-sentenza fl-ismijiet “**Remigio Camilleri *et* -vs- Joseph Caruana Soler *et***”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 27 ta’ April, 1965 inghad illi “biex depozitu gudizzjarju jkun validu jrid jigi precedut minn offerta tas-somma kollha dovuta, minn rifjut ta’ l-istess offerta, u minn depozitu a favur tal-kredituri kollha u mhux ta’ whud minnhom biss”. Ara “**Saviour Mercieca -vs- Carmel Galea**”, Appell mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex), 7 ta’ Lulju, 2005;

Sa hawn ma ghandha tinsorgi ebda diffikolta. B’danakollu, kif ikkummentat *obiter*, id-depozitu jibqa’ dejjem att unilaterali li b’ebda mod ma jirrispekkja l-akkwiexxenza tal-parti l-ohra jew ir-rikonoxximent tat-titolu, sakemm s’intendi dak id-depozitu ma jigix irtirat mis-sid. Ara “**Blanche Pace Bonello *proprio et nomine* -vs- Louis Bajada**”, Appell, 7 ta’ Ottubru, 1997;

Affermat dan kollu, l-atti istruttorji jispjegaw illi f'dan il-kaz kien hemm diversi azzjonijiet tendenti ghall-izgumbrament ta' l-appellant. Hu indikat ukoll illi l-atturi appellati, realizzata b'success it-talba taghhom ghal tali fini, meta gew biex jezegwixxu d-decizjoni favorevoli wara l-perkors ta' tant snin, huma gew rinfaccjati ghal darb'ohra bl-ostakolu ta' l-impunjattiva tal-Mandat ta' Zgumbrament da parti ta' l-appellanti. Ghandu jkun rikonoxxut illi f'qaghda bhal din ma kienx mistenni illi l-appellati jaccettaw kwalsiasi offerta ta' hlas li setghet saritilhom ghax dan kien jippregudikalhom id-dritt taghhom di fronte ghall-appellanti;

Fis-sewwa, fil-fattispeci ghandhom jservu ta' twegiba sana l-konsiderazzjonijiet zvolti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "**Lewis Salerno -vs- Agatha Vella**", 15 ta' Gunju, 1955:-

"Is-sid li jkun gja talab quddiem il-Qorti l-izgumbrament ta' l-inkwilin huwa intitolat li jirrifjuta l-kera minghand dak l-inkwilin, ghax ir-recezzjoni tal-kera da parti tieghu hi inkompatibbli mat-talba tieghu ghall-izgumbrament, specjalment jekk il-kera jkun jithallas bil-quddiem. Wara li l-lokatur jirrifjuta l-kera, il-konduttur m'ghandux ghalfejn jiddepozita l-kera taht l-awtorita` tal-Qorti u b'hekk jikkaguna spejjez lil-lokatur billi jgieghlu jircievi kera b'deduzzjoni ta' l-ispejjez tad-depozitu ... ... ... Ghaldaqstant, id-depoziti tal-kera maghmulin mill-inkwilin wara li jkun sar jaf li l-lokatur ma accettax il-kera ghax kien gja ghamel kawza kontra l-inkwilin ghall-izgumbrament, ma humiex validi, u l-ispejjez ta' dawk id-depoziti ghandu jbatihom l-inkwilin depozitant ...";

Terga' fil-kaz in ispecje l-atturi talbu l-hlas tal-kumpens ghall-okkupazzjoni ta' l-ahhar hames snin, u, kif saput, tali dritt jorigina mill-mument li jkun hemm definizzjoni gudizzjarja tat-talba ghat-terminazzjoni tal-lokazzjoni. Li jfisser, b'rabta mal-kuncett tal-preskrizzjoni, illi l-jedd ta' l-atturi li jagixxu biex jithallsu l-kumpens kien jitwieled

appena l-ftehim lokatizzju jkun gie gudizzjarjament determinat fil-fazijiet kollha tieghu. Ara "**Caterina Gerada -vs- Dr. Antonio Caruana**", Appell Civili, 30 ta' Mejju, 1969 u "**Pantaleone Vella *et* -vs- John Farrugia**", Appell, 4 ta' Frar, 2000;

Ghall-konsiderazzjonijiet kollha predetti anke t-tieni aggravju qed jitqies infondat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------